

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 433/2014**tat-28 ta' April 2014****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li għandhom jiżiedu persuni addizzjonali mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 269/2014.
- (3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

D. KOURKOULAS

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNEX

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Dmitry Nikolayevich KOZAK	Imwieded fis-7.11.1958 f'Kirovohrad, RSS Ukraina	Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
2.	Oleg Yevgenyevich BELAVENTSEV	Imwieded fil-15.9.1949 f'Moska	Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ "Distrett Federali Krimean", Membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu. Responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea.	29.4.2014
3.	Oleg Genrikhovich SAVELYEV	Imwieded fis-27.10.1965 f'Leningrad	Ministru għall-Affarijiet Krimeani. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
4.	Sergei Ivanovich MENYAILO	Imwieded fit-22.8.1960 f'Alagir, RSS Awtonoma tal-Ossezja tat-Tramuntana, RSFSR	Aġent gvernatur tal-belt Ukraina annessa ta' Sevastopol.	29.4.2014
5.	Olga Fedorovna KOVATIDI	Imwielda fis-7.5.1962 f'Simferopol, RSS Ukraina.	Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea.	29.4.2014
6.	Ludmila Ivanovna SHVETSOVA	Imwielda fl-24.9.1949 f'Alma-Ata, USSR	Viċi President tal-Istat ta' Duma, Russja Unita — Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
7.	Sergei Ivanovich NEVEROV	Imwieded fil-21.12.1961 f'Tashtagol, USSR	Viċi President tal-Istat ta' Duma, Russja Unita. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
8.	Igor Dmitrievich SERGUN	Imwieded fit-28.3.1957	Direttur tal-GRU (Direttorat Prinċipali tal-Intelligence), Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Logutenent Ġeneral. Responsabbli mill-attività tal-uffiċjali tal-GRU fil-Lvant tal-Ukraina.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
9.	Valery Vasilevich GERASIMOV	Imwieded fit-8.9.1955 f'Kazan	Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, l-Ewwel Viċi Ministru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, General tal-Armata. Responsabbli mill-istazzjonament massiv ta' truppi Russi matul il-fruntiera mal-Ukraina u milli naqas li jtaffi t-tensjoni tas-sitwazzjoni.	29.4.2014
10.	German PROKOPIV		Mexxej attiv tal-"Gwardja ta' Lugansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali f'Lugansk tas-Servizz ta' Sigurtà, irrekordja filmat indirizzat lill-President Putin u lir-Russja mill-bini okkupat. Rabbiet mill-qrib mal-"Armata tax-Xlokk".	29.4.2014
11.	Valeriy BOLOTOV		Wieħed mill-mexxejja tal-grupp separatist, l-"Armata tax-Xlokk", li okkupa l-bini tas-Servizz ta' Sigurtà fir-reġjun ta' Lugansk. Uffiċjal irtirat. Qabel ma ħatfu l-bini, huwa u kompliċi oħrajn kienu fil-pussess ta' armi li mid-dehra ġew fornuti illegalment mir-Russja u minn gruppi kriminali lokali.	29.4.2014
12.	Andriy PURGIN		Kap tar-"Repubblika ta' Donetsk", parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika".	29.4.2014
13.	Denys PUSHYLIN	Imwieded f'Makiivka	Wieħed mill-mexxejja tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk. Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali. Kelliem attiv għas-separatisti.	29.4.2014
14.	Tsyplakov Sergey GENNADEVICH		Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-Milizzja Popolari ta' Donbas. Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-istat fir-reġjun ta' Donetsk.	29.4.2014
15.	Igor STRELKOV (Ihor Strielkov)		Identifikat bħala persunal tad-Direttorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut f'inċidenti fi Sloviansk. Huwa assistent fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' Sergey Aksionov, li ddikjara lilu nnifsu prim ministru tal-Krimea.	29.4.2014